

# Il-Fortifikazzjonijiet tal-Kosta tal-Mellieħa fl-Azzjoni fis-Seklu Tmintax

kitba ta' Charles Debono

## Introduzzjoni

L-artiklu ta' din is-sena, li huwa dwar il-fortifikazzjonijiet ta' Żmien il-Kavallieri ta' San Gwann, jew kif kienu magħrufa aħjar bħala l-Kavallieri Ospidalieri, jkompli maż-żewġ artikli precendenti tal-istess awtur. Dawn huma *It-Torrijiet tal-Kavallieri li nsibu fil-Mellieħa: Xebħ kontemporanju bejn torrijiet li bnew il-Kavallieri ma' dawk li bnew l-Ispanjoli fi Sqallija* (Għaqda Muzikali Imperial Mellieħa: Festa tal-Vitorja 2004) u *Fortifikazzjonijiet fil-Mellieħa tas-Seklu Tmintax: Batteriji, Ridotti u Truncieri: Xebħ bejn is-sistema ta' difiża li nbniet f'Malta ma dawk li nbnew fl-Imperu Franċiż matul dan iż-żmien* (Każin Imperial: Festa tal-Vitorja 2005). Din id-darba se naraw kif għal tal-inqas darbtejn dawn il-fortifikazzjonijiet tal-kosta kienu fl-azzjoni, darba f'nofs is-seklu tmintax u darba'oħra għall-aħħar tal-istess seklu. Se naraw jekk kinux utli għad-difiża tal-Mellieħa jew le. Biex nifhmu aħjar il-kunċett ta' difiża tal-Mellieħa se nagħti ħarsa tad-difiża ta' Malta kollha, biex il-fortifikazzjonijiet tar-raħal jkunu inkluzi globalment. Wara naraw kif daħlu fl-azzjoni dawn il-fortifikazzjonijiet.

## Il-bini ta torrijiet u t-twaqqif ta' difiża kostali

Wara li l-Kavallieri Ospidalieri, ma baqgħux konċentrati biss fuq id-difiża tal-inħawi tal-Port il-Kbir, niedew programm ta' bini ta' torrijiet kostali madwar Malta u Għawdex. Dan seħħ fl-ewwel żewġ deċenji tas-seklu sbatax. L-ewwel torri nbena fis-sena 1605 fl-Mġarr, Għawdex, fuq ir-riħ tal-kanal ta' bejn Għawdex u Kemmuna. Il-Gran Mastru Wignacourt ħareġ l-flus biex jinbnew seba' torrijiet kbar, fl-Mġarr (Għawdex), San Pawl il-Baħar, Marsaxlokk, il-Bajja ta San Tumas, Kemmuna u f'Santa Maria delle Grazie. Is-seba' torri li nbena f'Marsalforn Għawdex, hu misteru peress li m'hemm l-ebda dokumentazjoni dwaru. F'nofs is-seklu sbatax, l-Ordni beda jibni sistema ta' torrijiet madwar il-kosta.



Forti Sant'Agata jew kif inhu magħruf aħjar it-Torri l-Aħmar. It-torri nbena mill-Gran Mastru Lascaris, u x-xogħol fuqu beda fl-1647 u tlesta fl-20 ta' Novembru 1648.

Sitt torrijiet minn dawn inbnew mill-Gran Mastru Lascaris bejn is-snin 1636 u l-1657, flimkien ma' torri kbir fil-Mellieħa. Dak li nbena fil-Mellieħa, magħruf bħala t-Torri l-Aħmar jew Forti Sant'Agata, kien mibni simili għal dawk li nbnew mill-Gran Mastru Wignacourt. Ma' dawn it-torrijiet nbnew



It-Torri l-Aħrax jew kif inhu magħruf aħjar it-Torri l-Abjad, jħares fuq ir-Ramla tat-Torri u l-Fliegu ta' bejn Malta u Kemmuna. It-torri nbena mill-Gran Mastru de Redin u kien jifforma parti minn sistema ta' tlettax-il torri li nbnew minnu madwar Malta u Għawdex. It-Torri l-Abjad inbena fl-1658 u kien is-sitt wieħed li nbena mill-istess gran mastru f'nofs is-seklu sbatax. Il-batterija nbniet bejn l-1714-16.

ukoll sistema ta' tlettax-il torri mill-Gran Mastru De Redin. Kull torri kellu għassa permanenti, u l-għan tagħhom kien li jieħdu post is-sistema ta' sittin post tal-għassa li kienu mħarsa mid-Dejma.[1]

L-Università tal-Imdina iffinanzjat il-bini ta' dawn it-torrijiet, mentri l-Ordni ta' San Ġwann kellu l-inkarigu li jqassam kanuni ġo kull torri. Kull torri kien mibni f'inħawi fejn setgħu jibgħatu sinjali minn torri għall-ieħor sal-Belt Valletta.



Il-Batterija ta' Vendome, li qiegħda fil-Bajja tal-Armier inbniet bejn l-1714-16.

## Il-bini ta batteriji, ridotti u trunċieri u t-tisħiħ tad-difiża kostali

Mal-mewt tal-Gran Mastru De Redin fi Frar ta l-1660 l-entużjażmu biex jinbnew torrijiet naqas ħafna. Fl-1681 dawn it-torrijiet kienu deskritti bħala li qegħdin fi stat ħażin hafna u l-Università ġiet ordnata biex tagħmel it-tiswijiet meħtieġa.[2]

Sadanittant, it-Trattat ta' Utrecht tal-1713 temm il-Gwerra tas-Suċċessjoni Spanjola, li l-implikazzjonijiet tiegħu wassal biex Malta iggwadanjat. Ir-raguni ewlenija kienet li fi Franza kien hemm il-Burboni jirrenjaw, kif ukoll għax b'dan it-trattat tella' fil-poter fi Spanja lil Burboni ukoll. Għalhekk Malta kienet teoritikament fief ta' Franza. Kienet din ir-raguni li l-Kavallieri Ospidalieri rnexxielhom jakkwistaw s-servizzi tal-



Il-Batterija tal-Mistra, li tħares fuq il-Bajja tal-Mistra u d-daħla tal-Bajja ta' San Pawl il-Baħar. L-ebda dokumenti ma' juru meta eżattament nbniet din il-batterija.

aqwa inġiniera militari Franċiżi tas-seklu tmintax li ġabu magħhom ideat u kunċetti ġodda ta' difiża tal-kosta.[3]

Sena wara fl-1714 waslu f'Malta xi inginiera militari Franċiżi u saret spezzjoni minn żewġ kummisarji tal-fortifikazzjoniet, Arginy u Fontet, u rrikmandat li f'dawk il-bajjiet vulnerabbli għal invażjoni għandhom jinbnew batteriji, ridotti u trunċieri. Mall-ewwel beda l-bini ta dawn il-fortifikazjonijiet. B'hekk jidher fiċ-ċar li bdiet tinbena sistema ta' difiża matul il-kosta[4] qabel ma waslu l-esperti barranin fir-Rebbiegħa ta l-1715, li kienu jinkludi Philippe de Vendome u l-assistenti tiegħu Folard u Maigret, li għamlu emfażi kbira fuq il-bżonn li jinbnew difiżi matul il-kosta. Mill-banda l-oħra l-wasla tal-inġiniera militari de Tigne u Mondion, fl-istess sena, sabet lil Kavallieri f'dilemma, peress li dawn ipproponew li d-difiżi tal-Port il-Kbir għandhom jiġu msaħħin.[5] Fl-aħħar l-Kavallieri Ospitalieri ddeċidew li jisimgħu miż-żewg gruppi ta' inġiniera militari.[6]

L-ewwel li ma' bdew jinbnew kienu l-batteriji, u fil-fatt skont rapport tal-Kunsill ta l-Ordni ta l-20 ta Awwissu 1715, jgħid li dawn it-tip ta fortifikazzjoni ivvintati mill-inġiniera militari Francizi, kienu diġà



Il-Batterija tal-Marfa, li tħares fuq il-Fliegu ta' bejn Malta u Kemmuna, nbniet ukoll bejn l-1714-16



Ir-Ridott ta' Crivelli, li qed fil-Bajja tal-Aħrax u jħares fuq il-Fliegu ta' bejn Malta u Kemmuna, nbena bejn l-1715-16.



Ir-Ridott ta Hossiliet jew almenu dak li ghad fadal minnu, li qed fil-Bajja ta Ramlet tal-Qortin u jhares fuq il-Fliegu ta' bejn Malta u Kemmuna.

bdew jinbnew f'numru ta bajjiet vulnerabli għal xi invażjoni, fosthom dawk tal-Marfa u l-Għadira.[7] F'dan il-perjodu l-inginier residendi f'Malta kien Mondion. Bejn l-1717 u l-1722, xogħol Mondion kien, apparti minn dmirijiet oħra, li jieħu ħsieb il-bini tal-fortifikazjonijiet ta' madwar Malta. Meta ġie elett l-Gran Mastru Vilhena fl-1722, hu iddeċieda li jkompli jsaħħaħ id-difiżi tal-kosta billi jinbnew ridotti ġodda u trunċieri ibbażati fuq il-pariri ta l-inġinieri militari Francizi ta l-1715-6.[8]

Fis-seklu tmintax id-difizi tal-kosta kienu parti integrali mid-difiża tal-gżira. Meta qamet it-theddida ta' invażjoni fl-1722, il-batteriji u r-ridotti kellhom jiġu ippreparati u armati, pero minn hawn beda jidher car li l-Kavallieri Ospitalieri ma kellhomx biżżejjed suldati biex jiddefenduhom.[9] Meta l-inġinier militari Bourlamaque u l-assistenti tiegħu waslu Malta, fl-1761, ipproponew li jinbnew numru ta truncieri u xi tletin batterija u ridott iehor. Vendome kien ipprona li jinbnew trunċieri f'numru ta bajjiet, inkluż fin-naħa ta' fuq tal-Mellieħa. Kien biss fl-1723 li bdew jinbnew xi trunċieri. Sa l-1761 ix-xogħol fuq it-trunċieri kien għadu lura.[10]

## Il-fortifikazzjonijiet tal-Mellieħa fl-azzjoni

Kienu tal-inqas żewġ okkażjonijiet fejn l-artillerija tal-fortifikazzjonijiet tal-Mellieħa kienet fl-azzjoni matul is-seklu tmintax. Iż-żewg okażżjonijiet kienu marbut mal-politika tan-newtralità ta' Malta L-Ordni ta' San Gwann kellu politika ta newtralita, specjalment fi żmien ta' gwerrer bejn il-pajjizi Ewropej. Il-Kavallieri qatt ma riedu jxellfuha ma xi pajjiż Ewropej għax riedu jkunu ħbieb ma' kulhadd.

L-ewwel incident jmur lura sas-sena 1756, meta nhar il-Ħadd, 3 ta' Ottubru 1756, il-kursar Ingliż, il-Kaptan Fortunatus Wright, daħal fil-Port il-Kbir b'żewġ priża Franċiżi, waħda kienet ittieħdet qrib Sardenja u l-oħra f'ibħra territorjali Maltin. Kien f'dan l-aħħar waqt, meta l-kursar kien qed jiġri wara dak Franċiż, fil-Kanal ta' Kemmuna, li l-artillerija tal-batteriji tal-Mellieħa, ezattament fl-inħawi tat-Torri l-Abjad, sparaw fuq il-bastiment tal-kursar Ingliż. Ma jidher li hemm l-ebda ħjiel li l-bastiment Ingliż intlaqat, pero li hu żgur hu li l-kaptan Franċiż talab għal ħelsien tal-bastiment u li l-bastiment Ingliż kellu jidħol kwarantina, b'ħafna protesti mill-Ingliż.[11]

Erbgħa snin wara, waqt l-incident tal-*Corona Ottomana*, meta l-ilsiera Kristjani, madwar 71, rnexxielhom jegħlbu l-għassiesa Torok u jidderieġu l-bastiment lejn Malta, wasal fil-Port il-Kbir fis-6 ta Ottubru 1760. Dan il-ġifen kien ilu li salpa minn Kostantinopli mit-2 ta Ġunju tal-istess sena. Meta l-bastiment wasal Malta saru festi kbar pero ftit wara qamet biża kbira minħabba l-possibilta ta' invażjoni Torka.

Mall-ewwel bdew jiġu rinforzati l-fortifikazzjonijiet, inkluż tal-Mellieħa. Skont id-dokumenti għall-aħħar ta' Frar 1761 ġew maħzuna munizzjon u porvli fil-batteriji tal-kosta u l-kumplament tal-fortifikazzjonijiet tal-Bajja tal-Għadira u l-Marfa, l-Aħrax u l-Armier, peress li kien riesaq is-sajf. Din il-kwistjoni ġiet risolta billi l-bastiment inxtara mir-Re ta' Franza u mgħoti lura lis-Sultan Ottoman.[12]

Il-fortifikazzjonijiet tal-Mellieħa, bħal kumplament ta' Malta, ġew ittestjati f'Gunju tal-1798 meta s-suldati Repubblikani Francizi, taħt it-tmexxija ta' Napuljun Bonaparti nvadew lil gżejjer Maltin. L-inħawi tal-Mellieħa ġew invaduti mill-forzi tal-Ġeneral Baraguey d'Hilliers, li kellu taħtu t-truppi li kienu ġejjin minn Genova. Skont ir-rapport li għamel dal-general jingħad li meta attakka l-fortifikazzjonijiet tal-Mellieħa ġew difenduti sew




Mappa turi l-fortifikazzjonijiet li nbnew mill-Kavallieri Ospitalieri fil-Mellieħa.

mill-Milizzja Maltija, pero ma setgħu jagħmlu xejn kontra tliet kolonni ta' truppi Franċiżi li żżbarkaw fuq l-art b'kuragg kbir.[13]

F'dan it-taqbid ma' miet l-ebda suldat Franċiż, pero min-naħa tal-Kavallieri mietu Malti u żewġ Kavallieri Ospitalieri. Madwar 150 prigunier inqabdu mill-Franċiżi, fosthom tliet Kavallieri, t-tlieta li huma Franċiżi; St. Simon li kellu f'idejh id-difża tat-Torri l-Aħmar, Daudinier u Bizier li kellu f'idejh id-difiża tal-inħawi tal-Mellieħa. Inqabdu ukoll madwar 50 kanun bil-munizzjon u tliet standarti li nstabu fit-torrijiet u t-trunċieri.[14]

## Konklużjoni

B'dan l-ispunt naraw it-tmien tal-ħakma tal-Kavallieri Ospidalieri f'Malta kif ukoll l-użu ta' dawn l-istess fortifikazzjonijiet. Sfortunatament l-isforz enormi li sar biex tinbena dis-sistema ta' fortifikazzjonijiet ma' sewa għal xejn. Fi żmien il-Gwerra tas-Sebgħa Snin il-batteriji urew li setgħu jgerxxu lil min seta' jittanta jxekkel in-newtralità ta' Malta, pero meta nqalet il-kwistjoni tal-*Corona Ottomana* diġà wera fiċ-ċar li l-Kavallieri ma' kellhomx is-saħħa li jiddefendu Malta kollha.

Fl-aħħar snin tal-Kavallieri Ospidalieri beda jidher car li; waħda, li l-Kavallieri ma kellhomx il-finanzi biżżejjed biex ilaħħqu ma' dawn id-difiżi kollha u l-aħħar raguni, fost il-Kavallieri kien hemm it-tradituri, li zgur u qatt ma seta' jkun hemm kmand unit ta' difiża.

(L-awtur huwa Storiku u Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, l-Belt Valletta, parti mis-Sezzjoni Marittima u Storja Militari ta' Heritage Malta).

**Referenzi:**


1 S. Spiteri., *Fortresses of the Cross- Hospitallier Military Architecture: 1136-1798*, (Malta, 1994), pp 473.

2 Ibid, pp 473-475

3 Denis de Lucca., *French military engineers in Malta during the 17th and 18th centuries*, p 26.

4 Alison Hoppen., *The fortification of Malta by the Order of St. John 1530-1798*, (Great Britain, 1979), pp 179-181.

5 De Lucca, p 26.

6 Hoppen, p 181.

7 De Lucca, p 27.

8 Ibid, p 30.

9 Hoppen, p 182.

10 Ibid, p 184.

11 C. Testa., *The Life and Times of Grand Master Pinto 1741-73*, (Malta, 1989), p 183.

12 Ibid, pp 252-258.

13 C. Testa., The French in Malta, (Malta, 1997), p 50.

14 Ibid.